# Qorti Ċivili
# (Sezzjoni tal-Kummerċ)

**Onor. Imħallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur (Eur Law), L.L.D.**

**Rikors numru 2/2021**

**Carmel sive Charles Cassar**

**Vs.**

**Reġistratur tal-Kumpaniji**

**Illum 18 ta' Jannar, 2023**

## Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta' Carmel sive Charles Cassar datat 12 ta' Ottubru, 2021, li jaqra kif isegwi:

> *"Illi huwa l-uniku direttur, segretarju u azzjonista tal-kumpanija Mtarfa Company Limited bin-numru tar-registrazzjoni C17741 (Dokument A);*

*Illi fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju, elfejn u ghoxrin (2020) din il-kumpanija thassret minn fuq ir-Registru tal-Kumpaniji (Dokument B);*

*Illi permezz ta' korrispondenza tal-21 t'April, 2009, wara komunikazzjoni minghand l-Awditur tal-kumpanija David J Pace, il-Malta Financial Services Authority irrispondiet bil-miktub u obbligat ruhha illi:*

> *We will not be seeking enforcement of the issued penalties until such time that the particular circumstances are discussed and a decision is taken on the penalties. (Dokument C)*

*Illi fl-10 ta' Marzu, 2018, il-kumpanija kienet biddlet l-indirizz taghha ghal Sweet Lord, Triq Dun Frangisk Camilleri, Xaghra (Dokument D);*

*Illi jirrizulta illi fl-ebda mument mid-data tal-21 t'April 2009 sal-gurnata ta' llum, qatt ma intbaghtet ebda korrispondenza da parti tal-Awtorita' lill-esponenti;*

*Illi l-kumpanija effettivament hija s-sid ta' propjeta' immobbli u dana anke kif jidher mill-kuntratt pubbliku hawn esebit u markat Dokument E kif ukoll vettura ossia trukk;*

*Illi ghalhekk jezistu cirkostanzi sabiex isem din il-kumpanija jerga jigi restitwit fir-Registru tal-Kumpaniji biex l-istess Kumpanija tkompli bl-operat taghha.*

*Illi din it-talba qeghda ssir a tenur tal-Artikolu 300B tal-Kap 386 stante li ghadhom ma ghaddewx hames (5) snin minn meta isem il-kumpanija gie kkancellat mir-Registru tal-Kumpaniji.*

*Ghaldaqstant, prevja d-dikjarazzjonijiet kollha opportuni l-esponenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna*

*li l-isem tal-kumpanija Mtarfa Company Limited bin-numru tar-registrazzjoni C17741 jigi restitwit fuq ir-registru tal-kumpaniji.*

*Salv kull provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportuni."*

Rat ir-risposta tar-Reġistratur tal-Kumpaniji datata 4 ta' Novembru, 2021 li taqra kif isegwi:

*"Illi l-kumpanija Mtarfa Company Limited (C 17741) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru") fis-7 ta' Frar 1995;*

*Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Reġistru, il-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat kontijiet u prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji. Tant hu hekk illi l-aħħar prospett annwali reġistrat mar-Reġistratur tal-Kumpaniji kien dak tas-sena 2009 filwaqt illi l-aħħar kont annwali rreġistrat fuq ir-Reġistru kien dak tas-sena 1999;*

*Illi tali nuqqas kien raġuni biżżejjed sabiex l-esponent Reġistratur jissoponi illi l-kumpanija in kwistjoni ma kienetx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji;*

*Illi in vista tas-seuespost, ir-Reġistratur proċediet sabiex kitbet lill-kumpanija biex tavża illi l-isem tal-kumpanija kien ser jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru kemm il-darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;*

*Illi ir-Reġistratur bagħtet l-ewwel avviż permezz ta' ittra lill-kumpanija u kif ukoll lill-uniku direttur tagħha li huma reġistrati fuq l-istess indirizz li huwa 53, Mtarfa Road, Mtarfa, datati, 18 ta' Frar 2020;*

*Illi fir-rikors qiegħed jingħad illi l-kumpanija kienet bagħtet Form Q datata 10 ta' Marzu 2018 biex tinforma lir-Reġistratur li kienet se tbiddel l-indirizz tal-kumpanija. Iżda għalkemm ir-rikorrenti qiegħed ukoll jannetti dokument biex jipprova dan, l-istess dokument anness m'huwiex prova illi din il-Form Q qatt intbagħtet lir-Reġistratur. Infatti l-aħħar u l-unika Form Q li qatt daħħlet fil-konfront ta' din il-kumpanija kienet datata 20 ta' Jannar 2010. Apparti din ma hemm xejn x'jindika li qatt daħħlu Form Q's oħra;*

*Illi kieku stess għall-fini tal-argument din kienet intbagħtet, l-indirizz tad-direttur qatt ma nbidel jew aħjar, ir-Reġistratur qatt ma ġiet infurmata b'ebda tibdil f'dan ir-rigward, u għaldaqstant l-ittri xorta kellhom jaslu għallinqas għand l-uniku direttur tal-kumanija;*

*Illi t-tieni avviż ġie mibgħut permezz ta' ittra oħra lill-kumpanija u kif ukoll lill-uniku direttur fuq l-istess indirizzi fis-27 ta' Marzu 2020;*

*Illi f'din l-ittra il-kumpanija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha skont l-artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji, f'każ li ma tweġibx l-ewwel ittra fi żmien xahar, u t-tieni ittra fi żmien tliet xhur, ir-Reġistratur kienet se tkompli bil-proċess ta' tħassir ta' l-isem tal-kumpanija.*

*Illi fis-27 ta' Marzu 2020, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi fil-frattemp ir-Reġistratur qatt ma rċeviet l-ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti mingħand il-kumpanija u għaldaqstant fit-30 ta' Ġunju 2020, li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponent ħarġet avviż fuq website miżmuma minnha fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpannija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi r-Reġistratur taqbel illi r-rikors qiegħed isir fiż-żmien il-ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir u għalhekk għadu fiż-żmien stipulat mil-liġi. Iżda madanakollu ir-rikorrenti qiegħed jisħaq illi għandu dritt għal dan a tenur tal-Artikolu 300B tal-Att dwar il-Kumpaniji, iżda dan mhux korrett għaliex l-artikolu rilevanti huwa l-artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji;*

*Illi filwaqt illi r-Reġistratur tixtieq illi jekk il-kumpanija terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru tali kumpanija taġġorna d-dokumentazzjoni meħtieġa (inkluż il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali) u dan sabiex jiġi salvagwardjat l-interessi tat-terzi persuni. Għalhekk ir-Reġistratur tixtieq umilment tissolleva illi r-rikorrent jeħtieġ jirregolarizza l-posizzjoni tiegħu u tas-soċjeta' de quo qabel ma dina l-Onorabbli Qorti tista' tgħaddi għad-deċiżjoni dwar jekk l-isem tal-kumpanija għandux jerġa jitqiegħed fuq ir-Reġistru. Dan il-prinċipju huwa mħaddan u mħares sew minn dina l-Qorti diversament presjeduta, l-giurisprudenza kostanti passata u preżenti;*

*Illi l-ammont dovut bħala reġistrazzjoni fuq il-prospetti annwali li qatt ma ġew reġistrati jammonta għal **EUR 1, 680.***

*Illi di piu' il-penali fuq il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali li baqgħu qatt ma ġew reġistrati jammontaw għal **EUR 18,657.50.***

*Illi għaldaqstant hija lesta li toqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ.*

*Bl-ispejjeż."*

Rat li fis-seduta tas-17 ta' Novembru, 2021 ir-rikorrenti talab żmien sabiex possibilment jirregola ruħu mar-Reġistratur intimat dwar dokumentazzjoni u ħlas.

Rat li permezz ta' nota datata 19 ta' Jannar, 2022 ir-rikorrent esebixxa 'l-annual accounts' (għalkemm saret referenza għalihom

bħala 'returns') tal-kumpanija Mtarfa Co Ltd C 17741 li jkopru s-snin 2000 sas-sena 2020 (fol. 61 et seq).

Rat in-nota tar-rikorrent datata 28 ta' April, 2022 li permezz tagħha ddikjara li huwa preżenta għand ir-Reġistratur tal-Kumpaniji l-'annual returns' kollha tal-Mtarfa Co Ltd C 17741 u dan għas-snin mis-sena 2010 sas-sena 2010. Jiddikjara wkoll li għaldaqstant id-dokumentazzjoni kollha neċessarja ġiet debitament preżentata.
Rat li fis-seduta tas-13 ta' Lulju, 2022 il-partijiet iddikjaraw il-provi tagħhom magħluqa u fil-verbal tat-12 ta' Ottubru 2022 l-kawża ġiet differita għal-lum għad-deċiżjoni b'termini imposti fuq il-partijiet għas-sottomissjonijiet tagħhom.

Rat is-sottomissjonijiet fl-atti.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-kawża odjerna tikkonsisti f'talba tar-rikorrent sabiex isem il-kumpanija Mtarfa Company Limited (C 17741) li kienet ġiet oriġinarjament 'struck-off' mir-Reġistratur intimat, riżultat ta' inattivita', jerġa jitpoġġa fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji stante li l-istess kumpanija għad għandha assi proprjeta' tagħha. It-talba tar-rikorrent ġiet imsejsa fit-termini tal-artikolu 300 B tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrent isostni li huwa qatt ma rċieva ebda avviż li l-kumpanija kienet ser tiġi 'struck-off' għalkemm jinsisti li kien intavolat id-dokumentazzjoni neċessarja biex jinforma lill-intimat li l-indirizz tal-kumpanija kien inbidel mill-Mtarfa, Malta għal indirizz f'Għawdex.

Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji fir-risposta tiegħu jinsisti li huwa aġixxa skont il-proċedura imposta fil-liġi u bagħat id-debiti avviżi lill-kumpanija u lir-rikorrent fl-indirizz mogħti lilu sabiex javżah bl-intenzjoni li l-kumpanija tiġi 'struck-off' u li kien ir-rikorrent li ma għamel xejn. Jeċċepixxi wkoll li fi kwalunkwe każ ir-rikorrent

għandu jaġġorna d-dokumentazzjoni tal-kumpanija u jitħallsu l-penali dovuti bħala kundizzjoni sabiex isem il-kumpanija jerġa' jitpoġġa fir-reġistru. Jeċċepixxi wkoll li t-talba tar-rikorrent kellha tiġi msejsa fit-termini tal-artikolu 325 tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux l-artikolu 300 B.

Bħala provi, il-Qorti rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-rikors promotorju fosthom 'Certificate of Compliance' a fol. 3, Dokument tal-Malta Business Registry li juri l-indirizz tal-kumpanija bħala dak ta' 53, Triq l-Imtarfa, Rabat MTF 1205, Malta u li din ġiet 'struck off as defunct' nhar is-27 ta' Ġunju, 2020 (fol. 4), e-mail iffirmata minn Joseph Caruana (Deputy Director) tar-Reġistru intimat datata 21 ta' April, 2009 fejn jiddikjara li sakemm jiġu diskussi l-materji pendenti mhux ser ifittxu l-infurzar tal-penali imposti fuq il-kumpanija (fol. 5), Form Q li turi bdil fl-indirizz mid-data tal-10 ta' Marzu, 2018 għal dak ta' Sweet Lord, Triq Dun Franġisk Camilleri, Xagħra, XRA 2100, Gozo (fol. 6) u kuntratt ta' xiri ta' proprjeta' immobbli bl-indirizz 50, Mtarfa Road, Mtarfa, limiti tar-Rabat, Malta mis-soċjeta' Mtarfa Company Limited fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Falzon datat 24 ta' Jannar, 1996 (fol. 7 et seq).

Rat ukoll id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-risposta tar-Reġistratur intimat fosthom l-ittra data 18 ta' Frar, 2020 indirizzata lill-kumpanija Mtarfa Company Limited fl-indirizz 53, Triq l-Imtarfa, Rabat MTF 1205 Malta (fol. 23) fejn il-kumpanija ngħatat terminu ta' xahar biex tirrispondi jekk għadhiex topera, ittra oħra identika iżda indirizzata lil Charles Cassar bħala direttur fl-istess indirizz (fol. 24), żewġ ittri indirizzati l-istess bħal dawk ta' qabilhom iżda datati 27 ta' Marzu 2020 fejn il-kumpanija u Charles Cassar ġew avżati li l-kumpanija kienet ser tiġi 'struck off' fi żmien tlett xhur mill-avviż skont il-liġi (fol. 25 u 26), kopja tal-avviż fit-Times of Malta data 27 ta' Marzu, 2020 (fol. 27 et seq) u l-avviż datat 30 ta' Ġunju 2020 mir-Reġistratur intimat li javża li l-kumpanija de quo ġiet 'struck off' (fol. 33).

Rat l-affidavit ta' **Denise Xuereb a fol. 381** tal-proċess li ddikjarat bil-ġurament li bejn is-sena 2010 u s-sena 2020 sakemm hija damet tgħix fl-indirizz 53, Mtarfa Road, Mtarfa, Malta hija qatt ma rċeviet ebda ittra dwar il-kumpanija Mtarfa Company Limited, li kellha l-istess indirizz, mingħand ir-Reġistratur intimat jew il-Malta Business Registry. L-istess iddikjaraw **Paulvic Xuereb a fol. 382** u **Natasha Buhagiar a fol. 383** tal-proċess.

Rat ix-xhieda tar-rikorrent **Carmel Cassar a fol. 384** et seq tal-proċess. Huwa jispjega li l-kumpanija in kwistjoni ntużat biss sabiex inxtrat proprjeta' fl-Imtarfa. Jixhed li l-ewwel indirizz tal-kumpanija kien f'San Pawl il-Baħar imbaghad inbidel għal 53, Imtarfa Road u wara sar 'change of address' għal indirizz ġewwa Għawdex. A fol. 388 jippreżenta kopja tal-Form Q bil-bdil tal-indirizz kif indikat. Il-Qorti tirrileva li għalkemm id-dokument huwa datat 10 ta' Marzu, 2018 din tidher ittimbrata mir-Reġistru intimat nhar il-21 ta' Diċembru, 2021. Jgħid li l-proprjeta' fl-Imtarfa bl-indirizz 53, Triq l-Imtarfa, Imtarfa huwa biegħha permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Jonathan Zammit datat 20 ta' Diċembru, 2018 esebit a fol. 389 et seq tal-proċess. Jerġa' jagħmel referenza għal e-mail gia suesposta fejn ir-Reġistru intimat kien qalilhom li jkellmuh lura meta jkollhom l-affarijiet lesti u jsostni li qatt ma rċieva xejn aktar (ara fol. 403). Jikkonferma li huwa telaq mid-dar bl-indirizz 53, Imtarfa Road, Imtarfa madwar ħmistax-il sena ilu u dan stante li kienet mietet martu u fiha baqgħu jgħixu uliedu. Jikkonferma wkoll li hu u wliedu qatt ma rċevew xejn mingħand ir-Reġistratur intimat.

In kontro-eżami jixhed li hu kien l-uniku Direttur u azzjonist tal-kumpanija de quo. Jgħid li l-kontijiet waqfu jintbagħtu għaliex il-kumpanija kienet 'non-operational' għaliex intużat biss biex inxtrat proprjeta'. Mistoqsi jekk qattx irċieva korrispondenza li jrid idaħħal id-dokumenti annwali jgħid li kien iħalli f'idejn l-accountant. Iżid li l-accountant kien bagħat e-mail lir-reġistratur biex jibgħat il-kont iżda r-reġistratur qatt ma rrisponda. Iżid illi kieku tul iż-żmien irċieva xi ittri fl-indirizz tal-Mtarfa uliedu kienu jgħidulu.

Jikkonferma li ilu jgħix Għawdex ħmistax-il sena. Jgħid li hu l-ittra li bagħat għal bdil fl-indirizz kienet tal-kumpanija mhux tiegħu. Muri l-ittri mibgħuta mir-Reġistratur u l-MBR jgħid li qatt ma rċieva ittri bħalhom, li hu għandu biss din il-kumpanija u li kieku rċevihom kien jgħaddihom lill-accountant. Jinsisti li l-formola tal-bdil fl-indirizz tal-kumpanija kienet intbagħtet qabel Diċembru 2021 iżda reġgħu intavolawha biex ma jerġax isir l–iżball li jibagħtulu korrispondenza ġewwa l-Mtarfa.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi ghalkemm il-partijiet mhux qed jaqblu dwar jekk ir-rikorrent irċeviex jew le il-korrispondenza mingħand ir-reġistratur, fejn jinfurmah bl-intenzjoni li l-kumpanija tiġi 'struck-off', din il-Qorti m'għandhiex dubju li din il-korrispondenza intbaghtet da parti tal-intimat. Din il-korrispondenza kellha tintbagħat riżultat ta' inattivita' u nuqqas ta' ottemperanza mal-liġijiet da parti tar-rikorrent innifsu u l-kumpanija li jirrapreżenta. Min-naħa l-oħra l-Qorti hija propensa li temmen il-verżjoni wkoll tar-rikorrent li għal xi raġuni din il-korrispondenza ma waslitx għandu. Dwar ir-raġuni għalfejn il-form Q kontenenti l-bdil fl-indirizz b'effett bil-10 ta' Marzu, 2018 ma waslitx għand ir-reġistratur intimat din baqgħet misteru fl-atti u għalhekk il-Qorti ma tistax tikkummenta ulterjorment għalkemm ma tifhimx il-loġika għalfejn din imtliet biex konsegwentement ma ntbagħtitx.

Illi fi kwalunkwe każ jirriżulta li l-kumpanija in kwistjoni għad għandha proprjeta' f'isimha u għalhekk jeħtieġ li isem il-kumpanija jerġa' jitpoġġa fir-reġistru sabiex din il-proprjeta' ma tintilifx.

Illi dwar id-disgwid dwar l-artikolu tal-liġi applikabbli l-Qorti rat li l-artikolu 300 B tal-Kap. 386 jaqra kif isegwi:

'300B. (1) Meta kumpanija tkun tħassret minn fuq ir-reġistru, kull persuna interessata tista' b'rikors, titlob lill-Qorti biex tordna hi li l-isem tal-kumpanija jkun restitwit fuq ir-reġistru u li l-istralċ jerġa' jinfetaħ.

(2) Meta, fuq rikors magħmul taħt is-subartikolu (1), il-Qorti tkun sodisfatta li l-istralċ u t-tħassir tal-kumpanija jkun vizzjat bi frodi jew b'illegalità ta' natura materjali, il-Qorti tista' tordna li l-isem tal-kumpanija jkun restitwit fuq ir-reġistru u li l-istralċ jerġa' jinfetaħ għal dawk ir-raġunijiet u għal dak iż-żmien li l-Qorti tispeċifika fid-deċiżjoni tagħha, u l-Qorti għandha tagħti dawk id-direttivi u timponi dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xieraq.
(3) Il-Qorti għandha tilqa' t-talba biss jekk tkun sodisfatta li dak ikun l-uniku rimedju li jkun hemm.

(4) Fid-deċiżjoni tagħha l-Qorti għandha wkoll tiddeċiedi jekk l-ordnijiet u d-direttivi tagħha jkunux effettivi favur il-persuni kollha jew jekk għandhomx japplikaw limitatament għal persuni speċifiki indikati fid-deċiżjoni.

(5) Ma jista' jsir ebda rikors taħt dan l-artikolu wara li jgħaddu ħames snin mid-data li fiha l-isem tal-kumpanija jkun tħassar mir-reġistru.'

Rat ukoll li l–artikolu 325 (4) tal-Kap. 386 jaqra kif isegwi:

'(4) Jekk membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar; u l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess

pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalmentf'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.'

Illi minn qari tal-artikoli suesposti huwa ċar li għall-każ odjern japplika l-artikolu 325 (4) u mhux dak indikat mir-rikorrent. B'danakollu l-Qorti ma tqisx li l-indikazzjoni skorretta tal-artikolu għandha ġġib fix-xejn it-talba tar-rikorrent stante li l-premessi fir-rikors jindikaw ċar iċ-ċirkustanzi li wasslu sabiex saret it-talba odjerna. Għalhekk it-talba tar-rikorrent ser tintlaqa' fit-termini tal-artikolu 325 (4) tal-Kap. 386 u mhux dak indikat fir-rikors.

Illi dwar id-dokumentazzjoni b'lura jirriżulta mill-atti li fil-mori r-rikorrent ottempera ruħu mat-talba u d-dokumentazzjoni ġiet kollha intavolata mar-reġistru intimat. Dwar il-penali dovuti jirriżulta li lura fis-sena 2009 kien hemm korrispondenza bejn il-partijiet li nfurmat lir-rikorrent li l-infurzar tal-penali kien ser jitwaqqaf pendenti li jiġu ċċarati l-affarijiet. Dan ma jfissirx li l-penali ġew maħfura kif qed isostni r-rikorrent. Dan jista' jfisser biss li dawn il-pendenzi għad iridu jiġu ċċarati bejn il-partijiet u la darba l-ammont jiġi konfermat dan jibqa dovut mill-Kumpanija stante li dan l-obbligu joħrog ukoll mill-istess artikolu 325 (4) tal-Kap. 386 fejn jipprovdi li l-partijiet jitpoġġew fl-istess pożizzjoni li kienu daqs li kieku l-kumpanija qatt ma ġiet 'struck-off', dan jinkludi kwalunkwe penali dovuti.

Illi huwa għalhekk fil-parametri ta' dak suespost li t-talba tar-rikorrent ser tiġi milqugħa.

**Deċizjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha suesposti l-Qorti tgħaddi sabiex taqta u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talba tar-rikorrent

u tordna fit-termini tal-artikolu 325 (4) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta li l-isem tal-kumpanija Mtarfa Company Limited bin-numru ta' reġistrazzjoni C17741 jiġi restitwit fuq ir-reġistru tal-kumpaniji mingħajr preġudizzju iżda għall-penali li jistgħu jirriżultaw għadhom dovuti mill-istess kumpanija lir-reġistratur intimat.

Fiċ-ċirkustanzi l-ispejjeż tal-proċeduri odjerni għandhom jiġu sopportati unikament mir-rikorrent.

**(ft.) Onor. Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**Imħallef**

**(ft.) Mary Jane Attard**
**Deputat Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**